MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT

## JOANNE VELLA CUSCHIERI

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 106/2012

**Bank of Valletta plc**

**-vs-**

**Paschalino Cefai u martu Jenny Cefai**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat fejn il-bank rikorrenti ppremetta:-

1. illi l-intimati huma debituri fil-konfront tal-Bank fl-ammont komplessiv ta' mija u sitta u sebghin elf u mitt euro u sittax-il centezmu (€176,100.16c) – salvi nteressi ulterjuri b'effett mit-tlettax (13) ta' Lulju elfejn u tnax (2012) dovuti kif sejjer jigi spjegat hawn taht:

a. Ammont totali ta' hamsa u sebghin elf disa' mija u tlettax-il euro u disgha u disghin centezmu (€75,913.99) in kwantu ghal disgha u sittin elf tliet mija u sitta u erbghin euro u wiehed u sebghin centezmu (€69,346.71) bhala kapital, u sitt elef hames mija u sebgha u sittin euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€6,567.28) bhala nteressi fuq dan il-kapital, b'effett sat-tnax (12) ta' Lulju elfejn u tnax (2012) fuq House Loan Account numru 40019109871;

Dan l-ammont huwa dovut skont kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Annalisa Caruana tas-sbatax (17) ta' Gunju elfejn u ghaxar (2010).

b. Ammont ta' tmienja u tletin elf mitejn u disgha u tletin euro u hamsa u tmenin centezmu (€38,239.85) dovut kwantu ghal erbgha u tletin elf sitt mija u erbgha u sittin euro u sitta u tmenin centezmu (34,664.86) bhala kapital u tlett elef hames mija u erbgha u sebghin euro u disgha u disghin centezmu (€1,534.74) bhala nteressi fuq dan il-kapital, b'effett sat-tnax (12) ta' Lulju elfejn u tnax (2012), fuq Business Loan Account numru 40019202082, salvi nteressi ulterjuri b'effett mit-tlettax (13) ta' Lulju elfejn u tnax (2012).

Dan l-ammont huwa dovut skont kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Romina Cuschieri tas-sitta (6) ta' Awwissu elfejn u ghaxra (201).

c. Ammont ta' sitt elef tmien mija u sitta u tmenin euro u hamsa u erbghin centezmu (€6,886.45) in kwantu ghal sitt elef mitejn u sittax-il euro u hamsa u sittin centezmu (€6,216.65) bhala kapital, u sitt mija u disgha u sittin euro u tmenin centezmu (€669.80) bhala nteressi fuq dan il-kapital, b'effett sat-tnax (12) ta' Lulju elfejn u tnax (2012) fuq Credit Card Loan Account numru 40019797814, salvi nteressi ulterjuri b'effett mit-tlettax (13) ta' Lulju elfejn u tnax (2012).

d. Ammont ta' hamsa u hamsin elf disgha u hamsin euro u sebgha u tmenin centezmu (€55,059.87) in kwantu ghal hamsin elf seba' mija u hamsa u sebghin euro u sebgha u ghoxrin centezmu (€50,775.27) bhala kapital u erbat elef mitejn u erbgha u tmenin euro u sittin centemzu (€4,284.80) bhala nteressi fuq dan il-kapital, b'effett sat-tnax (12) ta' Lulju elfejn u tnax (2012), fuq Business Loan Account numru 40019202024, salvi nterssi ulterjuri b'effett mit-tlettax (13) ta' Lulju elfejn u tnax (2012).

Dan l-ammont huwa dovut skont kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Romina Cushieri tas-sitta (6) ta' Awwissu elfejn u ghaxra (2010).

2. illi minkejja li gew interpellati sabiex jirregolaw ruhhom u jhalsu l-ammont dovut minnhom, il-konvenuti baqghu nadempjenti.

Il-Bank rikorrenti ghalhekk talab li din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-intimati debituri fil-konfront tal-Bank of Valletta plc fl-ammont komplessiv ta' mija u sitta u sebghin elf u mitt euro u sittax-il centezmu (€176,100.16) dovuti kif fuq inghad.

2. tikkundannahom ihallsu dan l-ammont, flimkien ma' interessi ulterjuri b'effett mit-tlettax (13) ta' Lulju elfejn u tnax (2012) sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru elfejn u hdax (2011), numru 733/2011 u ta' l-ittra ufficjali tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru elfejn u hdax (2011), numru 220/2011 u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' Jenny u Paschalino konjugi Cefai fejn ecceppew:

1. illi preliminarjament trid issir il-prova li l-ammonti ndikati fir-rikors promotorju huma realment dovuti;

2. illi ghar-rigward l-imghaxijiet dawna gew ikkomputati bhala "compound interest", haga li m'hijiex permessa skont il-ligi.

3. illi l-esponenti m'ghandhomx ibatu spejjez stante li kienu fl-impossibilita' fizika li jhalsu r-repayments stante li hemm ordni ta' frizar fuq l-assi ta' Paschalino Cefai.

Salvi risposti ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dokumenti kollha annessi mal-istess rikors guramentat.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat illi fil-verbal tal-4 ta' Lulju, 2014 il-partijiet qablu li x-xhieda tal-intimat li nghatat fil-kawza numru 81/2012 fl-ismijiet 'HSBC Bank (Malta) plc vs Paschalino Cefai' ghandha tghodd ukoll ghal din il-kawza.

Rat ix-xhieda u l-atti kollha.

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Ottubru, 2014 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Bank rikorrent.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati minkejja li din giet prezentata oltre t-terminu moghti lilhom.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-bank rikorrent isostni li l-intimati huma debituri fil-konfront tieghu fl-ammont komplessiv ta' mija u sitta u sebghin elf u mitt Euro u sittax-il centezmu (€176,100.16). Sabiex jissostanzja l-pretensjoni tieghu r-rikorrent indika fid-dettal fit-talba tieghu l-ammont komplessiv kif inhu mqassam inkluz kif gew kalkolati l-imghaxijiet u ghal kull ammont esebixxa dokumentazzjoni li tipprova tali ammont, fejn fost evidenza ohra gew esebiti l-kuntratti pubblici relattivi kif ukoll il-kontijiet tal-bank. Il-kuntratti gew ukoll konfermati

mill-istess Nutara Pubblici li ppubblikawhom permezz tax-xhieda taghhom quddiem il-Qorti.

Illi min- naha taghhom l-intimati anki permezz tax-xhieda ta' Paschalino Cefai[1] stess fl-ebda hin ma kkontestaw illi l-ammonti bhala kapital huma dovuti anzi *ex admissis* xehed illi dawn huma tal-bank u li huma dovuti. Ghalhekk din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tindaga oltre dwar il-kapitali dovuti u tqis li din it-talba hija gjustifikata.

Illi l-intimat izda spjega li ma kienx qed jaqbel li jithallsu mghaxijiet ghaliex skont hu saru diversi tentattivi sabiex isiru l-pagamenti dovuti u kien il-bank rikorrent li m'accettax l-istess pagamenti. L-istess rikorrent spjega li dan kollu kien rizultat ta' ordni ta' ffrizar mahrug f'Marzu 2011 fuq l-assi u l-proprjeta' tieghu konsegwenza ta' procedura kriminali pendenti kontra tieghu. Kopja tal-pubblikazzjoni ta' dan l-ordni giet ukoll esebita fl-atti ta' din il-kawza a fol. 85. Fix-xhieda tieghu l-intimat spjega minfejn skont hu giet il-proprjeta' tieghu fosthom illi l-flus li bihom huwa beda n-negozju tieghu gew minn wirt ta' missieru u mhux minn xi attivita' llegali li jinsab akkuzat biha.

Illi f'din il-kawza l-Qorti zgur ma tistax tidhol fil-mertu tal-ordni ta' ffrizar mahrug fil-konfront tal-intimat minn Qorti ohra fi proceduri li ghadhom pendenti. Li zgur huwa minnu izda hu li ghall-hrug tal-ordni ta' ffrizar ma jahtix u ma ghandu l-ebda responsabbilta' l-bank rikorrent u ghalhekk ma ghandux ibaghti xi konsegwenzi l-istess bank rikorrent. In oltre jigi rilevat li l-artikolu 22 A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi mezz kif il-Qorti li tkun harget l-ordni ta' ffrizar tawtorizza li krudituri *bona fide* jithallsu. Min-naha taghhom l-intimati ma ressqu l-ebda prova li huma pruvaw almenu jottjenu din l-awtorizzazzjoni mill-Qorti l-ohra jew li f'xi mument waslu sal-punt mal-Bank rikorrent li kien hemm bzonn li jsir dan ir-rikors. L-intimati wkoll naqsu li mill-anqas iressqu prova li verament saru xi laqghat mal-Bank ghall-ghan li jigu diskussi l-pendenzi ta' bejniethom allura wisq anqas tressqet prova li saru tentattivi sabiex isir il-hlas. Ghalhekk il-Qorti tqis li l-oggezzjoni tal-intimati milli jhallsu mghaxijiet kif rikjesti mill-Bank abbazi ta' din l-eccezzjoni mihiex legalment gjustifikata. L-istess argument japplika ghall-eccezzjoni mqajjma mill-intimati li ma ghandhomx ibaghtu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri in vista tal-impossibilita' li kellhom li jhallsu konsegwenza tal-ordni ta' ffrizar u dan ghaliex ma jaghmel l-ebda sens allura li dawn ghandhom jigu allokati lill-Bank rikorrent li huwa kompletament estraneu ghal dawk il-proceduri.

Illi l-intimati jqajjmu wkoll l-eccezzjoni li l-imghaxijiet mhumiex dovuti stante li skont huma gew ikkomputati bhala 'compound interest', haga li m'hijiex permessa skont il-ligi. Il-

[1] Fol. 154 et seq tal-process.

Qorti rat illi l-Bank rikorrenti cahad illi bejn id-data ta' meta gie kkuntrattat kull debitu rispettiv sad-data tal-*call in* kien hemm xi kalkolazzjoni ta' imghax li gie kapitalizzat mal-ammont kapitali dovut. Fil-fatt dan jirrizulta wkoll mill-bosta dokumenti esebiti mill-istess Bank. Mid-dokumentazzjoni esebita din il-Qorti hija tal-fehma li l-Bank fil-kalkolazzjoni tieghu tal-imghaxijiet dovuti lilu agixxa fil-parametri tal-ligi u ghalhekk l-eccezzjoni mqajjma mir-rikorrenti f'dan ir-rigward ukoll mihiex gjustifikata.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti, il-Qorti:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha mqajjma mill-intimati;
2. Tilqa' t-talbiet kollha attrici kif dedotti;

Bl-ispejjez kollha kif mitluba ghandhom jigu sopportati mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------